# DAWL ĦANIN MEXXINI

*(Mill-Ingliż ta' Ċardinal Newman)*

O Dawl il-Ħniena, mexxi l-medda tiegħi
Ma' tul id-dlam li q'ed jinfirex dwari,
La tintefiex imm'ibqa' dejjem miegħi
U t-trieq urini fejn titnikker dari.
Mexxini Dawl Ħanin. Xejn iżjed ma nixtieq
Ħlief illi dawlek jofroq dlam it-trieq.

Mhux dejjem hekka tlabt l-għajnuna tiegħek,
U għalkemm imbeżża' jien ħallejt kburiti
Tmexxini fejn le jien niltaqa' miegħek,
U dwal oħrajn mexxewni tul żogħżiti.
O Dawl il-Ħniena dak li għadda mar
Insa Dawl Twajjeb, insa dak li sar;

U bħal ma s'issa dejjem sibtek ħdejja
X'ħin jien sejjaħtlek meta tlift it-trejqa,
Erġ' Int illum dawwalli lil għajnejja
—Għax id-dlam faħxi w jiena qalbi dejqa—
Wassalni fejn hemm dawk li jien ħabbejt
'Ma mimli bija n-nifsi kont insejt.

ROB.

Londra, 1932